

# Mons. Mattew Cortis

## *Kappillan ta' Ħal Lija 1888 - 1913*



Mattew Cortis twieled Ħad-Dingli fl-1 ta' Jannar, 1854 u miet fis-16 ta' Frar, 1927 fid-dar tiegħu Triq is-Salvatur, l-Imdina. Fuq it-twelid u l-magħmudija tiegħu nsibu hekk fl-Arkivji tal-Paroċċa ta' Ħad-Dingli:

*Die 2 Januarii 1854.*

*Ego idem Rector baptizavi infantem heri natum ex Johannes Cortis et Clementia Muscat(con) jug(ibus) cui impositum fuit nomen Mattheus, Franciscus, Emanuele, P(atri)ni fuere Re(vere) indis(simus) Do(minu)s D. Paulus Portelli de Rabbato et Catarina Muscat Xerri vidua de c(asal) Dingli.*

Flimkien ma' ħutu Roża, Pawlu (1850-1931), Xandru u Klawdju *sive* Ġużeppi Marija (1858-1941), Mattew trabba fil-biża' t'Alla kif kienet taf tagħti familja tal-bdiewa li sajf u xitwa jkollhom iħabbtu wiċċhom mal-elementi tan-natura. Is-sens kbir ta' dixxiplina Mattew wirtu mingħand missieru. Ommu Menzja nkuraġġietu ħafna fil-vokazzjoni tiegħu għal qassis, minkejja l-piż finanżjarju li kienet tfisser għażla bħal din is-seklu l-ieħor. Skont Mariroż Cortis, imwielda Cutajar u magħrufa bħala "Il-Kortisa", tismagħhom isemmu lil nies żewġha Mattew li zijietu Mattew u ħuh Xandru ('il quddiem il-kittieb tal-praspar u predikatur magħruf fost il-Maltin ta' Malta u ta' barra) kienu qed jagħżqu ma' missierhom biss meta Mattew kien l-ewwel wieħed li "għolla l-fekrun u għajjat: 'Daqshekk ħdimt bik!' Warajh tħajjar Xandru." Fil-fatt kienu joqogħdu jistudjaw flimkien ukoll.

Mattew baqa' joqgħod Ħad Dingli sakemm sar qassis. Għamel xi żmien impjegat tal-Gvern bħala Kappillan tal-isptar tal-mard tal-moħħ, Ħ'Attard. Ta' 34 sena magħluqa nħatar Kappillan ta' Ħal Lija f'Awwissu 1888. Fit-28 ta' April, 1888 kien miet il-kappillan ta' Ħal Lija, Dun Anton Grech Falzon, u wara li sar "il-konkors" inħatar Dun Mattew bħala l-kappillan il-ġdid f'Awwissu ta' wara.

Ingħata l-pusses xi xahrejn wara fit-3 ta' Novembru.

Ħal Lija kien maħbub u rrispettat ħafna minħabba serjetà, id-dixxiplina u l-entużjażmu tiegħu biex tissebbaħ il-knisja parrokkjali minn ġewwa, billi kienet "għadha mneżżgħa minn kollox u mbajda bil-ġir biss".

Skont Giovanni Cutajar, Dun Mattew "kellu manija għal dawk li huma drittijiet parrokkjali..... u kien iwiddeb lill-poplu li dawn id-drittijiet parrokkjali jridhom, u ma jaħfirhom lil ħadd. Dan kien jagħmlu u jgħid, li "jekk ma jagħmlux dan, jista' għada pitgħada kappillani ta' wara jbatu".

Kemm dam kappillan Dun Mattew Cortis "ħass il-bżonn li jiġbor miegħu f'dar waħda lil ħuh, Dun Xand, fejn wara t-tnejn flimkien tgħidx kemm ħadmu, u rsistew għall-ġid ta' kulħadd". Fil-familja Cortis għadhom jingħadu xi ġrajjiet marbuta ma' dawn iż-żewġ aħwa qassisin. Bħala karattru ma kienu jaqblu xejn bejniethom: "Dun Mattew kien bniedem fitt tremend u ta' dixxiplina kbira" u ma kontx tissogra tiċċajta miegħu, waqt li Dun Xand kellu karattru ferrieħi u ċajtier għal kollox.

Darba waħda, lill-Kappillan ġietu waħda mara fqira biex tiġbor il-karta tal-magħmudija. Malli tahielha f'idha hi qatlu: "Grazzi Sinjur!" "Grazzi, xejn!" weġibha Dun Mattew. "Trid tħallas is-sikspenz!" "M'għandix minn fejn, Sinjur!" reġgħet insistietlu. "Ġib il-karta 'l hawn. U mur u issellef! Għax dak dritt tal-knisja. Ma rridx li min jiġi warajha jbati minħabba fija!"

Meta l-mara ġiet lura bi sikspenz u ħallsitu, Dun Mattew qabad tmintax irbiegħi minn tiegħu u tahielha karità. B'hekk taha ħafna aktar milli kienet issellfet, setgħet tħallas id-dejn, kellha xi ħaġa biex tgħix u kien għallimha kif għandha tħares dmirijiet lejn il-Knisja.

Darba oħra fil-festa tas-Salvatur, Dun Mattew u Dun Xand kienu fil-bieb tal-knisja jaraw il-marċ dieħel. Dun Xand , biex jiċċajta, qallu lil ħuh: "Matt, ara ġejjin għalik biex itellgħuk fuq spallejhom!"

U Mattew wieġbu sod sod: "Mhux lili. Issa tara!"

Fil-fatt in-nies ġew fuqhom imma qabdu lil Dun Xand u ġrew bih!

F'Jannar 1913, wara li kien ilu Kappillan ta' Ħal Lija għal kważi 25 sena, sar Monsinjur u Arċipriet tal-katidral tal-Imdina u 'l quddiem teżorier fejn wettaq ġid kbir kemm spiritwali u kemm materjali u soċjali bħad-doti lil bosta tfajliet foqra. Baqa' f'din il-kariga sakemm miet ta' 73 sena.

Qabel ma telaq minn Ħal Lija, Dun Mattew Cortis ħalla l-pjaneta tar-rakkmu li kien qaddes l-ewwel quddiesa biha bħala saċerdot. Ħalla wkoll tliet fundazzjonjiet ta' quddies spejjeż tiegħu fil-Knisja Parrokkjali. Il-quddiesa l-kbira nhar il-festa titulari tas-Salvatur; il-quddies u l-verspri ta' nhar il-festa tal-Anġlu Kustodju u l-quddiesa ta' nhar il-festa ta' San Mattew fil-21 ta' Settembru. Dak in-nhar tat-tluq tiegħu Mons. Mattew Cortis għamel diskors fuq iz-zuntier tal-knisja u ngħata mill-kleru u n-nies ta' Ħal Lija salib tad-deheb komplut bil-lazz biex jużah fuq il-muzzetta tiegħu bħala monsinjur.